

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## C 406

### tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 60

30 ta' Novembru 2017

Werrej

#### II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

##### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2017/C 406/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8668 — DER Touristik/EXIM) <sup>(1)</sup> .....	1
2017/C 406/02	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8661 — Oaktree/PIMCO/Real Estate Portfolio) <sup>(1)</sup> .....	1

#### IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

##### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2017/C 406/03	Rata tal-kambju tal-euro .....	2
---------------	--------------------------------	---

MT

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2017/C 406/04	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8717 — Engie/IPM Energy Trading/International Power Fuel Company) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata <sup>(1)</sup> .....	3
2017/C 406/05	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8664 — WME IMG/Perform/PIMGSA) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata <sup>(1)</sup> .....	5
2017/C 406/06	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8647 — Värde/Fraikin) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata <sup>(1)</sup> .....	6

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

## II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠJI  
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Il-Każ M.8668 — DER Touristik/EXIM)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 406/01)

Fl-24 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup>. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsim tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32016M8668. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Il-Każ M.8661 — Oaktree/PIMCO/Real Estate Portfolio)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 406/02)

Fit-23 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup>. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsim tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32017M8661. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro <sup>(1)</sup>

Id-29 ta' Novembru 2017

(2017/C 406/03)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,1827	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5176
JPY	Yen Ġappuniż	132,24	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,2330
DKK	Krona Daniża	7,4423	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,7141
GBP	Lira Sterlina	0,88293	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5925
SEK	Krona Żvediża	9,9150	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 274,87
CHF	Frank Żvizzeru	1,1664	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	16,1757
ISK	Krona İzlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,8106
NOK	Krona Norveġiża	9,7410	HRK	Kuna Kroata	7,5470
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	15 971,18
CZK	Krona Ċeka	25,474	MYR	Ringgit Malajjan	4,8361
HUF	Forint Ungeriż	311,59	PHP	Peso Filippin	59,393
PLN	Zloty Pollakk	4,2006	RUB	Rouble Russu	69,0103
RON	Leu Rumun	4,6440	THB	Baht Tajlandiż	38,485
TRY	Lira Turka	4,6794	BRL	Real Brażiljan	3,7936
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5627	MXN	Peso Messikan	21,9085
			INR	Rupi Indjan	76,0620

<sup>(1)</sup> Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

## V

(Avviżi)

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8717 — Engie/IPM Energy Trading/International Power Fuel Company)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 406/04)

1. Fit-23 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup>.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriża li ġejjin:

- ENGIE SA ("Engie", Franza);
- IPM Energy Trading Limited ("IPMETL", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn Engie u Mitsui Co., Ltd,
- International Power Fuel Company Limited ("IPFC", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn Engie u Mitsui Co., Ltd.

Engie takkwista indirettament, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet, il-kontroll uniku ta' IPMETL u IPFC kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- għal Engie: attur dinji tal-enerġija li huwa attiv tul il-katina kollha tal-valur tal-enerġija fl-oqsma tal-gass, l-elettriċità u s-servizzi tal-enerġija,
- għal IPMETL: tipprovdi servizzi ta' kummerċ tal-enerġija lis-swieq bl-ingrossa tal-gass u tal-elettriċità fil-Gran Brittanja,
- għal IPFC: tipprovdi servizzi ta' tbaħħir tal-gass naturali fil-Gran Brittanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(2)</sup> jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulna l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8717 — Engie/IPM Energy Trading/International Power Fuel Company

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: [COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu](mailto:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu)

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Il-Każ M.8664 — WME IMG/Perform/PIMGSA)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**  
**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**  
(2017/C 406/05)

1. Fit-23 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriża li ġejjin:

- Perform Group Limited (ir-Renju Unit), ikkontrollata mill-grupp Access Industries, Inc. (l-Istati Uniti tal-Amerika),
- WME Entertainment Parent, LLC (l-Istati Uniti tal-Amerika), ikkontrollata mis-Silver Lake Group, LLC (l-Istati Uniti tal-Amerika),
- PIMGSA LLP (ir-Renju Unit), ikkontrollata b'mod konġunt mill-Perform Group Limited u WME Entertainment Parent, LLC.

Perform Group Limited u WME Entertainment Parent, LLC, jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' PIMGSA LLP (ir-Renju Unit).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- għal Access Industries, Inc.: grupp ta' kumpaniji azzjonarji b'interessi f'industriji differenti,
- għal Perform Group Limited: kumpanija azzjonarja b'sussidjarji b'interessi prinċipalment fis-setturi tal-kontenut tal-isports diġitali u l-midja,
- għas-Silver Lake Group, LLC: grupp ta' investment iffukat fuq it-teknoloġija u l-industriji tal-midja
- għal WME Entertainment Parent, LLC: kumpanija attiva mad-dinja kollha fil-qasam tal-isport, id-divertiment, il-mezzi tax-xandir u l-industriji tal-moda,
- għal PIMGSA LLP: impriża konġunta (joint venture) bejn Perform u WME li se tkun attiva fil-kummerċjalizzazzjoni ta' drittijiet sportivi tal-futbol tal-Amerika t'Isfel.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8664 — WME IMG/Perform/PIMGSA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission  
 Directorate-General for Competition  
 Merger Registry  
 1049 Bruxelles/Brussel  
 BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Il-Każ M.8647 — Värde/Fraikin)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**  
**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**  
(2017/C 406/06)

1. Fit-23 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriża li ġejjin:

- Värde Partners, Inc ("Värde", l-Istati Uniti tal-Amerika),
- Financière Truck Investissement ("Fraikin", Franza).

Värde takkwsita, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Fraikin kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- għal Värde: kreditu u strateġiji ta' investiment fil-valur, b'għarfien espert fil-qasam tas-sħubija mal-istituzzjonijiet finanzjarji f'għadd ta' ġurisdizzjonijiet madwar id-dinja. Hija tipprovdi servizzi ta' investiment lil firxa wiesgħa ta' investituri inklużi fondazzjonijiet u dotazzjonijiet, pjanijiet tal-pensjoni, kumpaniji tal-assikurazzjoni, investituri istituzzjonali oħrajn u klijenti privati,
- għal Fraikin: il-kumpanija prinċipali tal-grupp Fraikin, attiva fil-forniment ta' servizzi tal-kiri għal perjodu ta' żmien qasir u twil ta' vetturi tal-passiġġieri u vetturi industrijali għal klijenti tan-negozju. Fraikin toffri wkoll il-ġestjoni tal-flotta, servizzi ta' kiri għas-sewwieqa u t-taħriġ tas-sewwieqa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-ttrattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8647 — Värde/Fraikin

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.









ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

**MT**